# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz Nru. 339/96 DM**

**Saviour Ellul**

**vs**

**Mario Bezzina**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz ipprezentat fit-22 ta' April, 1996, l-attur talab dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Jannar, 1996, gewwa St. Andrews

sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, imprudenza u negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku baqa' hiereg biex investa l-vettura xarabank bin-numru ta' registrazzjoni Y-0311 propjeta' ta' l-attur u b'hekk ikkawzalha danni li ma jaqbzux l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250). L-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess danni ta' Lm250 hekk likwidati anke permezz ta' perit nominat mill-Qorti.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. B'nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta' l-attur u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

B'sentenza moghtija fit-3 ta' Marzu, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) filwaqt li laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellat, cahdet it-talba ta' l-appellant.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

4. L-attur hass ruhu aggravat minn dik is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

(i) Illi mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-appellat kienet fil-hin ta' l-incident hierga minn grada u habtet fil-vettura ta' l-esponent li dak il-hin inzertat ghaddejja minn quddiem din il-grada. Fil-fatt l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz iddikjara (seduta tal-5 ta' Novembru, 1996):-

> "Din il-habta saret billi din il-karozza li kienet hierga mill-gate habtet mal-bus Y-0311 li kienet miexja minn quddiem il-gate mghobbija bit-tfal ta' l-iskola".
>
> Fir-rapport li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad: "whilst Bus No. Y-0311 was being driven along the side of school, car reg. F-3110 emerged from gate of same school and collided".

(ii) Illi kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, kien jinkombi fuq l-appellat li qabel ma jesporgi l-barra mill-grada jieqaf u jara jekk kienx ghaddej traffiku mit-triq li minnha kien ghaddej l-esponent u f'liema triq sehhet il-habta. Hawn hekk mhux kaz ta' toroq "of equal importance". Ix-xarabank kienet qeghda fi trieqtha diga' filwaqt li l-vettura misjuqa mill-appellat kienet ghadha ma hargitx ghal fuq din it-triq. It-triq li minnha kienet ghaddejja x-xarabank hija proprju t-triq li twassal il-vetturi ghat-triq pubblika. L-appellat ipprova jaghti x'jifhem li meta sehhet il-habta huwa kien diga' hareg ghal fuq it-triq minn fejn kienet ghaddejja x-xarabank, u skond l-appellat dan sehh peress li din ta' l-ahhar ipprovat

taghmel manuvra ta' sorpass. Din it-tezi m'hijiex konfermata fl-iskizz li rrediga l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Fil-fatt il-vettura ta l-appellat kienet telqet "mir-ring road u mexa fid-direzzjoni tal-main road qabel il-habta". Pero' hemm spjegazzjoni ghalfejn il-vettura ta' l-appellat tidher f'dik il-posizzjoni fuq l-iskizz. Fil-fatt l-esponent (seduta tal-5 ta' Novembru, 1996) xehed: "il-karozza tieghu giet imdawwra wkoll fid-direzzjoni li kont miexi jiena, ghaliex bid-daqqa jiena dawwartha xi ftit".

Kieku l-appellat ma harigx fuq it-triq li minnha kienet ghaddejja x-xarabank, allura l-incident qatt ma kien isehh. Kienet il-manuvra bla hsieb ta' l-appellat li kienet il-karza prossima ta' l-incident, u ta' dan ghandu jirrispondi biss l-appellat.

(i) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, anke jekk wiehed kellu jaccetta li t-toroq huma "of equal importance" allura l-htija ghall-incident ma tistax tigi akkollata kollha fuq l-esponent.

Ghaldaqstant, l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Marzu, 2000, u tilqa' t-talbiet ta' l-appellant.

Bl-ispejjez kontra l-appellat.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

5. L-appell ta' l-attur huwa purament bazat fuq il-fatti rigwardanti d-dinamika ta' l-incident awtomobilistiku li gara fit-18 ta' Jannar, 1996 bejn xarabank numru Y-0311 u vettura Subaru numru F-3110 misjuqa mill-konvenut appellat. L-incident gara fil-"grounds" ta' l-iskola governattiva "Sandhurst", li tinsab f'Pembroke, limiti ta' St. Andrews'.

6. L-ewwel Qorti, wara li rriferiet ghall-provi akkwiziti, ikkonkludiet li l-attur appellant ma kienx in grad li jaghmel il-provi rikjesti dwar ir-responsabilita' da parti tal-konvenut u din ukoll qieset li:

> "Hija wisq iktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut li jallega li jinduna bil-kunvenut gej minn warajh, u dan (i.e. l-attur appellant) laqtu meta pprova jaqbzu. Dana huwa wkoll ikkonfermat mill-posizzjoni tal-vetturi fuq l-isketch tal-pulizija li jindikaw li l-konvenut kien diga' telaq ir-"ring road" qabel il-habta".

6. L-attur appellant ma qabilx ma' l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti u wisq anqas mal-konkluzzjonijiet raggunti fiha. Huwa rrifera u sahaq fuq dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-pulizija u dak li xehed l-istess ufficjal, jigifieri PS 845 Peter Cini, fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 1996 (fol. 15-17 tal-process) fejn

> qal li qabel il-habta il-karozza tal-konvenut "kienet hierga mill-gate".

Fil-fatt, is-Surgent jghid li dan ikkonfermahulu l-konvenut stess (fol. 16). Fl-istess waqt pero', is-surgent xehed li ma setax jistabbilixxi is-"spot of impact".

L-attur xehed li l-konvenut "baqa' hiereg" hekk kif hu (i.e. l-attur) wasal quddiem il-"gate" u fl-istess nifs jghid li

> "lill-kovnenut jiena qatt ma rajtu sakemm habat mieghi".

Il-konvenut appellat, min-naha tieghu, jikkontesta mhux biss il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur imma anke ma qabilx ma' l-iskizz riferibbilment ghall-konfigurazzjonijiet tat-toroq u lanqas dwar kif juri li spiccaw il-vetturi wara l-habta u l-hsarat riportati fuqhom. Jghid li mnejn kien gej l-attur tinghalaq b'"barrier" tal-hadid.

7. M'hemmx dubbju li din il-kollizzjoni tipprezenta certu ammont ta' diffikolta' biex tirrizolvi min kien responsabbli li kkagonaha. Certament ma jirrizultax li l-attur ghamel tali provi u "incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Minbarra dan hija prassi ormai stabbilita ta' din il-Qorti ta' l-Appell li

sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet gravi u serji li jiddettaw xort'ohra hija ma tiddisturbax bla bzonn dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti li tkun fl-ahjar qaghda li taghmel l-istess evalwazzjoni billi tkun hi li semghet il-provi. Minbarra dan, kif gustament gie ritenut fis-sentenza appellata, ebda wahda mill-accessi ghar-"ring road" ma setghet titqies li ghandha l-precedenza fuq l-ohra. Trattandosi ta' speci ta' salib it-toroq, l-attur kien messu ta precedenza lit-traffiku gej min-naha tax-xellug tieghu. Il-Qorti lanqas tifhem, u wisq anqas taccetta, li l-konvenut lanqas biss ra lill-konvenut ser jixref mill-fetha mnejn fil-fatt hareg. Zgur li l-attur, la kien qed izomm "a proper look-out" u lanqas kien attent bizzejjed meta jghid li lanqas biss ma nduna bil-vettura l-ohra.

Illi, bil-kontra mbaghad ta' l-attur, il-konvenut appellat jaghti verzjoni attendibbli ta' kif seta' gara l-incident. Il-konvenut jallega li l-attur gie minn warajh u laqtu zbrixx meta rass mieghu billi pprova jaqbzu. Inoltre jirrizulta, fatt innutat ukoll mill-ewwel Qorti, li s-sewqan ta' l-appellant ma kienx konfacjenti ma', jew indikattiv ta', intenzjoni ta' waqfien fuq s-"stop sign" billi l-istess attur xehed li hu baqa' ghaddej b'velocita' normali wara li qabez il-"barrier" li huwa kkalkolat ftit metri biss 'l hinn qabel dan is-"stop sign".

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm